Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2004

Avviz Numru. 401/2001/1

**Middle Sea Insurance Plc, kif surrogata bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet tal-assikurat tieghu Vincent Fenech ghan-nom ta' Westminister Car Hire**

**Vs**

**Claudio Gauci**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in ezami li bih is-socjeta attrici nomine talbet sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandhiex din il-Qorti:

1. tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghad-danni kollha sofferti mis-socjeta attrici bhala konsegwenza tal-incident tat-traffiku li gara gewwa il-Gzira bejn l-istess konvenut u Melissa Jane Leigh, is-sewwieqa tal-vettura numru CAK 376 u li sehh fit-22 ta' Mejju 1999 waqt li l-konvenut kien qed isuq il-vettur numru IAB 048 b'mod

traskurat u negligenti u b'nuqqas ta' ossevanza tar-regolamenti tat-traffiku.
2. Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta attrici fl-ammont ta' hames mija u sitta u ghoxrin Lira Maltin u tlett centezmi (Lm526.03) jew ammonti ohra verjuri okkorendo bl-opra ta' Periti nominandi.
3. Tikkundanna lill-konvenut jhallas lis-socjeta attrici dik is-somma li tigi hekk likwidata bl-imghaxijiet mill-Ittra Ufficjali datata 20 ta' Marzu 2001.

Bl-ispejjes komprisi dawk tal-parir (Lm15.00) u ta' Ittra Ufficjali tal-20 ta' Marzu 2001 u ta' ittra ufficjali ohra ippresentat ma' l-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut (fol 8 tal-atti) u li biha eccepixxa bir-rispett:-

1.Illi t-talbiet attrici kif dedotti fl-avviz prezenti ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici, stante illi l-incident de quo sehh minhabba traskuragni, negligenza, imperizja jew nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' l-assigurata tas-socjeta attrici Mellisa Jane Liegh, kif jista' jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi <u>PS 500 John Guisti</u> (fol 16 et seq ibid) oltre li esebixxa kopji tal-<u>iskizz</u> u tar-<u>rapport</u> maghmulin minnu, sema fix-xhieda tieghu li l-incident in ezami gara fix-xatt tal-Gzira, vicin il-pont li minu tidhol ghal 'Manoel Island'. Hawnhekk, it-triq in kwistjoni 'tikkonsisti f'zewg karregjati fuq kull naha, pero' it-triq, inti u sejjer fid-direzzjoni tal-Belt tidjieq fejn hemm il-pont ta' Manoel Island u issir karreggjata wahda'. L-istess xhud kompla jghid illi, meta gara' dan l-incident ma kienx hemm linji bojod fuq l-istess tirq. Fuq l-imsemmi skizz, jidhru z-zewg vetturi involuti ossija dik misjuqa mill-attur bin-numru CAK 376 u dik uzata mill-

konvenut bin-numru IAB 048. Sknd l-istess skizz jidher li l-vettura uzata mill-attur kellha hsara fuq quddiem fuq ix-xellug waqt li dik uzata mill-konvenut kellha hsara ukoll fuq quddiem izda fuq il-genb tal-lemin, liema hsarat jindikaw id-dinamima ta' dan l-incident bejn zewg vetturi sejrin fl-istess direzzjoni izda aktarx genb ma genb. Mill-imsemmi rapport, jidher li s-sewwieq tal-vettura assikurata mas-socjeta attrici u li kienet Melissa Jane Leigh, li, pero' ma xehditx f'dawn il-proceduri, kien stqarr li kien qed jsuq fid-direzzjoni tal-Msida 'when the other car kept driving into her left side, sounded her horn but still both car collided" (fol 20 ibid). Da parti tieghu, l-konvenut kien stqarr "a caldo'…….. the other car came from behind him at his right end dashed into his front side".

Ikkunsidrat

Illi, kif di gja premess, dwar id-dinamika ta' dan l-incident , seta' jixhed biss 'viva voce' quddiem din il-Qorti l-konvenut biss (fol 41 u fol 42 ibid). Dan xehed li kien qed jsuq '… fuq il-lane ta' gewwa' ossija '….. fuq il-lane ta' gewwa cjoe fuq in-naha tal-bahar mal-bankina,' u dan sakemm it-triq, kif di gja premess '… tidjieq u tigi 'lane' wiehed". Hawnhekk f'dan il-parti tat-triq deskritta minnu bhala 'bottle neck", hu jghid li xeghel l-indicator u hares ukoll, anke permezz, tal-mera esterna, sabiex jara li fuq il-'lane' l-iehor ma kienx hemm traffiku iehor. Hanwhkk hu qal li minn din il-mera hu kien ra l-vettura l-ohra, ghall-ewwel darba, meta din "…kienet bizzejjed il-boghod, sabiex jiena u l-karozza l-ohra nigu 'in line' ma' xulxin , bil-karozza tieghi quddiem l-ohra". Hu kompla jghid illi "Jiena fil-fatt ilhaqt allinjajt ruhi fis-sens li gejt immedjatament quddiem il-karozza l-ohra' izda, wara ftit sekondi saret il-habta. In rigward l-sikizz imsemmi, hu iddikjara li kien jaqbel mieghu.

Ikkunsidrat

Illi sintetizzati, l-provi disponibbli li din il-Qorti, ghandu jinghad is-segwenti:

1.Hu bejn saput illi sewwieq ma jistax jikkakola tajjeb,distanza bejn vettura u ohra, semplicement billi

jhares minn mera. Dwar dan l-istess konvenut stess, qal fix-xhieda tieghu, li "Jiena naqbel li jekk thares f'mera, oggett bhal karozza, tidher fuq il-mera, aktar il-boghod milli tkun effettivament', avolja qal ukoll li kien hares ukoll "… fuq il-genb tieghu'. Min dan il-punt, jidher li l-konvenut ghamel kalkolu hazin u ra li seta jaghmel il-manuvra kif deskritta minnu, billi saq mix-xelluq ghall-lemin mela hu kien "… qed nhares fil-mera' li semmjt kontinwament. Ftit qabel l-habta, pero', ma kontx ghandi nhares fil-mera".

2. Il-konvenut semma, li qabel il-habta, z-zewg vetturi keinu allineati ma' xulxin bil-karozza tieghu fuq quddiem. Fil-fehma tal-Qorti, dan ma setax jkun minnu minhabba l-hsarat konsegwenzjali kif di gja deskritti u mhux kontestati. Jidher evidenti, fil-fatt, illi kieku dak li xehed il-konvenut kien minnu, il-hsarat kienu jkunu fuq in-naha ta' wara tal-vettura misjuqa minnu u mhux fuq il-genb ta' quddiem tal-lemin.

Illi, ghalhekk din il-habta, a bazi tal-evidenza kif proposta, tidher li grat minhabba l-manuvra esegwita mill-konvenuta, ibbasata kif kienet fuq kalkolu hazin ta' distanza maghmul minn meta hu saq mix-xellug lejn il-lemin.

Ikkunsidrat

Illi l-'quantum' ta' danni pretizi, ma giex kontestat u jinsab kwantifikat a basi tad-dokumenti esebiti in atti minn fol 26 sa fol 36.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa t-talbiet attrici u:

1. tiddikjara lill-konvenut bhala unikament responsabbli ghal dan l-incident minhabba sewqan traskurat, negligenti u b'nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess konvenut.

2. Tillikwida l-ammont ta' danni fis-somma ta' Lm526.03,0 u

3. Tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-istess socjeta attrici nomine s-somma ta' Lm526.03,0 bl-imghax legali mill-20 ta' Marzu 2001 sad-data tal-pagament effettiv u bl-isepjjes inkluzi Lm15.00,0 ghall-parir u dawk

tal-ittri ufficjali tal-20 ta’ Marzu 2001 u tal-4 ta’ Marzu 2001.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------